MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-12 ta' April, 2007

Numru. 1052/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR EDEL MARY CAMILLERI**

**VS**

**FRANCIS XAVIER AQUILINA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Francis Xavier Aquilina, ta’ 60 sena, bin Louis u Fontana nee’ Vella, imwieled Cospicua, nhar id-9 ta’ Ottubru, 1945, u residenti fil-fond numru imsejjah Avframaken, 51, Triq San Gwakkin, Marsascala, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 829145M;

Akkuzat talli:

1. Nhar is-16 ta’ Lulju, 2005 f’Hal-Luqa, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’

hila fl-arti jew professjoni tieghu, b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna hruq, jew ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq xi haga, u cioe' Van Toyota Hiace bin-numru tar-registrazzjoni ENE 180, u kif ukoll ajruplan 'bulldog', tal-Forzi Armati ta' Malta, bin-numru AS0022 Scottish Aviation Lt., u dan bi ksur tal-Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, saq vettura minghajr licenzja tas-sewqan, u cioe' van Toyota Hiace bin-numru tar-registrazzjoni ENE 180, jew vettura ohra li ma ghandhiex licenzja, jew saqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz, u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a)(2)(3)(4) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U kif ukoll fl-istess cirkostanzi ghamel uzu minn vettura tal-kiri, u cioe' van Toyota Hiace bin-numru tar-registrazzjoni ENE 180 minghajr licenzja mehtiega mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, meta l-istess vettura ma kinitx tajba ghall-uzu, u dan bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta;

Wara li rat l-Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L- Artikolu 15(1)(a)(2)(3)(4) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l- Artikolu 18 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta

Ikkunsidrat:

Illi l-kaz in kwistjoni jittratta kollizzjoni li sehhet fl-ajurport internazzjonali tal-Gudja, bejn vettura proprjeta' tal-Korporazzjoni Enemalta u ajruplan tal-Forzi Armati ta' Malta. L-imputat, li kien qieghed isuq van ENE 180, gie mharrek fuq hsara involontarja naxxenti minn traskuragni u negligenza tieghu fis-sewqan, fuq sewqan minghajr licenzja u b'mod traskurat u perikoluz, u fuq sewqan ta' vettura li ma kinitx tajba ghall-uzu.

Ghar-rigward tat-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet, ftit li xejn hemm x'wiehed jikkonsidra. Mhux biss ma gewx prodottti provi kontra l-imputat f'dan ir-rigward, izda anzi mill-provi rrizulta kompletament il-kontra. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti dawn iz-zewg imputazzjonijiet zgur ma jirrizultawx, u ghaldaqstant l-imputat ghandu jigi liberat minnhom.

Jibqa' ghalhekk li tigi kkunsidrata l-ewwel (1) imputazzjoni - dik ta' hsara involontarja attribwibbli lil xi nuqqas ta' tharis ta' regolamenti jew nuqqas ta' hila jew ta' sengha u arti da parti tal-imputat.

Il-kollizjoni bejn il-van u l-ajruplan indikati sehhet fil-parti tat-'Taxiway Papa', u fejn din tiltaqa' mat-'Taxiway Quebec', precizament f'liwja bejn dawn iz-zewg 'taxiways', kif jidher mill-iskizz ezebit a fol 14 tal-'process verbal'. Ir-ritratti ezebiti wkoll fil-process verbal a fol 69 sa 72 juru kif spiccaw mahbuta flimkien dawn iz-zewg ingenji. Ix-xhieda esawrenti moghtija kemm mill-istess 'process verbal', kif ukoll dik mismugha 'viva voce' minn din il-Qorti stabbilew il-fatti segwenti:

1. Li sia l-van kif ukoll l-ajruplan kienu awtorizzati juzaw it-'taxiways' indikati f'dak il-hin;

2. Li fil-liwja fejn sehh l-incident, il-vizwali mhix cara.

3. Li ma hemmx dwal li jirregolaw traffiku fil-lok fejn sehh l-incident;

4. Li ma hemmx mezz ta' komunikazzjoni bejn vetturi tat-tip tal-van tal-Enemalta u t-torri tal-kontroll tal-ajruport;

5. Li ma hemmx mezz ta' komunikazzjoni bejn ajruplan u vettura li qed juzaw l-istess 'taxiway';

6. Li l-impatt bejn il-vettura u l-ajruplan kien wiehed instantanju, tant hu hekk li l-bdot tal-ajruplan tefa' l-magna ezatt qabel ma sehhet il-kollizjoni;

7. Li kemm il-vettura kif ukoll l-ajruplan kienu qed jinstaqu b'velocita' baxxa, skond ir-regolamenti.

Ghalhekk, mill-assjem tal-provi, il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat ghall-incident. Minn dan kollu jidher car li ghandu jkun hemm hafna aktar mezzi ta' komunikazzjoni u kontroll fuq it-'taxiways' tal-ajruport. Dan l-incident seta' facilment halla hafna aktar hsara jew addirittura wassal ghal fatalita'. Li l-awtoritajiet jippermettu l-uzu tat-'taxiways' lill-vetturi minghajr sistemi adegwati ta' 'warning lights' jew 'traffic lights' jew sahansitra mezzi diretti ta' komunikazzjoni bejn it-torri ta' kontroll u kull vettura li tuza t-'taxiway', ikunu qed jistiednu li jsehhu incidenti simili u, Alla hares qatt, ohrajn b'konsegwenzi hafna aktar serji. Il-Qorti ma qed tara ebda htija fl-imputat ghall-akkadut. L-incident kien wiehed kompletament fortuwitu, fil-fehma tal-Qorti, u l-imputat ma seta' jaghmel xejn biex jigi evitat l-incident. Hu kien awtorizzat isuq il-van fit-'taxiway' fejn kien f'dak il-hin, saq bil-mod, u l-Qorti ma tista' tara ebda nuqqas ta' hila jew traskuragni fl-ghemil tieghu. Hekk kif il-van u l-ajruplan gew fil-liwja mexjin lejn xulxin, dawn gew wicc'imb wicc minghajr ma kellhom hin jirreagixxu mod iehor ghajr li jahbtu f'xulxin. L-incident seta' jigi evitat biss li kieku kien hemm dwal li jirregolaw it-traffiku f'dak il-punt tat-'taxiway'.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ma ssibx lill-imsemmi imputat Francis Xavier Aquilina hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------